MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 419/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Settembru, 2009, ghall-habta tal-17.00 hrs, meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex taghti access lil Omissis ghal uliedhom, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru, 2009, li biha wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannataha gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi hawn si tratta ta' tfal minuri b'diffikultajiet fil-personalita' taghhom. Bdew juru sintomi preokkupanti tant illi t-tifel minuri jghid li jrid imut, jahbat mat-hitan meta jkollu l-access mal-missier filwaqt li t-tifla minuri tirrezisti li tmur ma missierha. Naturalment wiehed japprezza li dan ma huwiex fl-interess tal-minuri u l-appellanti ppruvat tfittex l-ghajnuna tas-social worker u ta' psikologista. In effetti darba fost ohrajn, meta l-appellanti marret biex tigbor lil binha mill-appogg, wara li presumibbilment ikun spicca l-access mal-missier, issibu jigri 'l u 'l hinn fuq il-bankina. Tant kienet preokkupata li l-appellanti irrapurtat dan lis-social worker.

Illi l-appellanti tifhem li l-ulied jehtieg li jkollhom relazzjoni sana mal-missier. Pero' fil-kaz tat-tfal taghha jidher li hemm problema. Hemm diffikulta' wkoll minhabba l-eta' li jinsabu fiha uliedha (10 snin u 8 snin). Mhux zghar bizzejjed li joqghodu fejn tpoggihom. Izda mhux kbar bizzejjed li jistghu jiehdu decizjonijiet skond ix-xewqat taghhom, basta li dawn ma jkunux ta' detriment ghalihom.

Illi l-atteggjament tal-ulied minuri gie riskontrat ukoll mill-missier – hu stess qieghed imiss b'idejh id-diffikultajiet li qed juru l-ulied meta jigu biex imorru ghall-access. Hekk gara nhar it-2 ta' Settembru 2009. U allura fil-kuntest ta' dak li effettivament qed jigri ma jistax jinghad li l-appellant irrifjutat li taghti lil Omissis l-access ghall-ulied minuri. U kwindi l-appellant umilment thoss

li ghandha tigi misjuba mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta.

2. Illi s-sanzjoni nflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva w jezistu cirkostanzi li ghandhom jattiraw bdil fl-istess sanzjoni.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza hija frott id-disgwiet personali li hemm bejn il-genituri li affettwa negattivament l-ulied li qeghdin jintuzaw bhala mezz sabiex tigi imsawta parti jew ohra. Dana huwa kaz klassiku fejn dawn l-ulied qeghdin jigu wzati b'dan il-mod wara illi jkunu indotrinati minn parti sabiex juru disposizzjoni negattiva fil-konfront tal-parti l-ohra. F'dan il-kaz huwa l-missier illi ghamel rapport illi l-omm ma qdietx l-obbligazzjonijiet taghha w taghti lill-missier access ghall-ulied.

L-appellanta argumentat li ghandha t-tfal problematici u li huma ma jridux imorru ghand il-missier. Tehodhom biex jarawh izda t-tifla ma tkunx trid taf u l-appellanta qeghda fl-impossibilita' tagixxi. Minkejja d-diffikultajiet illi ghandha, t-tifel qed imur regolari u piena karcerarja li imponiet l-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva w saret biss biex issir pressjoni fuq l-appellanta sabiex tibghat lit-tfal.

Ikkunsidrat :

Illi jidher li l-access ta' l-ulied huwa kkontrollat permezz ta' digriet tal-Qorti. L-appellanta tghid illi ghamlet rikors sabiex dan id-digriet jigi varjat. Jibqa l-fatt pero' illi sakemm isir dan, l-appellanta hija obbligata taht sanzjoni tal-Ligi illi tosserva il-kondizzjonijiet ta' dak id-digriet. Meta l-ulied ma jkunux iridu jmorru ghand genitur dana jkun frott manipulazzjoni ta' xi genitur jew iehor. F'dan il-kaz jidher illi l-appellanta ghandha l-kura w il-kustodja tal-ulied bi drittijiet tal-access ghand il-missier.

Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija vs Denise Borg" tat-28 t'April, 1995, Qorti tal-Appell Kriminali *"il-kelma access kif uzata fl-artikolu 338(jj) tal-Kodici Kriminali u kif normalment*

*uzata mill-Qrati Civili in materja ta' access ghall-ulied minn parti meta l-kura w il-kustodja taghhom tkun giet fdata f'idejn parti ohra, tfisser aktar milli sempliciment illi wiehed jara lit-tifel jew tifla.  Normalment, u cioe' sakemm ma jigix indikat mod iehor fl-ordni tal-Qorti, d-dritt ta' access jinkludi li wiehed ghandu jiehu t-tifel jew tifla mieghu ghal matul il-hin jew perjodu ta' dak l-access.  Huwa dan illi qed jigi negat lill-missier."*

Il-Qorti thares b'certa stmerijja l-agir tal-genituri li mhumiex kapaci bhala nies adulti illi jisolvu d-differenzi taghhom minghajr ma jzefnu fin-nofs l-uliedhom u jekk mhumiex kapaci jaghmlu dan allura l-parti li tkun fi ksur tal-Ligi m'ghandhix tippretendi illi jkollha xi spalla minn din il-Qorti.  Aktar u aktar meta l-appellanta w zewgha ghandhom storja ta' sensiela ta' kawzi quddiem dawn il-Qrati li kollha jinvolvu b'xi mod jew iehor ir-relazzjonijiet taghhom versu l-ulied.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi wara li ghamlet apprezzament approfondiet tal-provi li kellha l-Ewwel Qorti dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

F'dawn ic-cirkostanzi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax dak l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.  F'dan il-kaz anki ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------